# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum l-ewwel (1) ta' Marzu, 2016.**

**Rikors Numru: 321/2015 CSH**

**Dr Joseph Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' San Anton School**

**vs**

**Ivan Caruana u b'digriet moghti fil-verbal tal-20 ta' Jannar, 2016, giet kjamata in kawza Marion Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar il-21 ta' Ottubru 2015 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut prevja kull dikjarazzjoni necessarja, ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, tmien mija u zewg ewro (€6,802.00), rapprezentanti mizati dovuti lill-attur ghal servizz ta' edukazzjoni moghti lil uliedu fuq talba tieghu u konsistenti f'diversi fatturi mibghuta lilu, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Settembru 2015 u l-imghax legali mit-2 ta' Settembru 2015 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2016 l-attur talab il-kjamata in kawza ta' mart l-konvenut u cioe' ta Marion Caruana u l-Qorti laqghet it-talba tieghu.

Rat illi l-kjamata in kawza giet notifikata bl-atti ta' din il-kawza u appuntu bit-talba attrici, w li pprezentat nota ta' ammissjoni fis-seduta tas-17 ta' Frar 2016.

Rat in-nota ta' ammmissjoni tal-konvenut Ivan Caruana u dan kif prezentata seduta stante nhar is-17 ta Frar 2016.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut Ivan Caruana u lill-kjamata in kawza Marion Caruana <u>in solidum bejniethom</u> sabiex ihallsu s-somma mitluba fir-rikors promotur u cioe is-somma ta' sitt elef, tmien mija u zewg Ewro (€6,802.00).**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenut u mill-kjamata in kawza in solidum bejniethom.**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**